KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

# MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL

## L-GĦAXAR KUNSILL

## SEDUTA NRU. 10 – Il-ĦAMIS, 13 TA' MARZU 2025

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
|---|---|---|
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

### 10.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

10.1.1 Ma kienx hemm.

### 10.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

10.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (10) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

10.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

### 10.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

10.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa lill-preżenti li f'Diċembru 2024, il-Kunsill fuq parir legali tal-Avukat tal-Kunsill għamel protest ġudizzjarju kontra l-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada rigward applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp in konnessjoni ma' xogħlijiet illi qed isiru fis-sit tal-MCAST in-Naxxar, bil-permess tal-iżvilupp PA/09349/17 għall-kostruzzjoni ta' football pitch u faċiltajiet ta' parkeġġ.

Semma li wara li kien iltaqa' mar-residenti taż-żona u saħansitra sejjaħ laqgħa biex nisimgħu l-konċernament tagħhom dwar dan l-iżvilupp, il-Kunsill deherlu li għandu jiddefendi l-interessi tar-residenti u jieħu l-miżuri kollha neċessarji li tagħtih il-liġi. Dan is-sit jikkonfina ma' Triq Giorgio Locano li tinsab fil-lokalità tal-Iklin u li hija taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill Lokali. Madankollu, is-sit qatt ma kellu aċċess għall-istess triq imsemmija u l-aċċess kien minn dejjem tramite toroq oħra fil-lokalità tan-Naxxar.

Peress li ma kienx ippjanat illi tali żvilupp propost jaffettwa Triq Giorgio Locno, l-ebda avviż dwar l-applikazzjoni proposta ma twaħħlu f'din it-triq u r-residenti ta' din it-triq u t-toroq tal-madwar fil-lokalità tal-Iklin ma ġewx notifikati b'tali applikazzjoni għall-iżvilupp. Illu mhux hekk biss, iżda bdiet titħaffer u tiġi skavata rampa biex ikun hemm aċċess mill-partijiet interni tal-iskola għal Triq Giorgio Locano. Dawn huma xogħlijiet li r-residenti tal-Iklin ma kellhomx l-opportunità li jagħmlu rappreżentazzjonijiet dwarhom għaliex qatt ma kienu mertu tal-applikazzjoni tal-iżvilupp li kienet saret.

Fakkar ukoll li l-Kunsill kien ikkomunika mal-entitajiet kollha konċernati sabiex tesiġi spjegazzjonijiet dwar dan l-aġir, iżda kull waħda minn dawn l-entiatjiet iddikjarat li ma kinitx responsabbli għal dawn l-illegalitajiet. Is-Sindku Dott Sciberras qal li l-protest ġudizzjarju isemmi wkoll li l-Kunsill u r-residenti rappreżentati minnu qed jesiġu illi jitreġġa kollox lura kif kien u jingħalaq l-aċċess temporanju li nħoloq għal ġol-lokalità tal-Ikln. Illi mhux biss tali xogħlijiet ma setgħu qatt isiru skont il-permess approvat, iżda Triq Giorgio Locano ma tistax tiġi suġġetta għall-influss tat-traffiku illi jidher li qed jiġi prospettat li jinħoloq minnhom.

Din it-triq in kwistjoni hija parti minn cul-de-sac li meta nħolqot ma kienet qatt prevista li tilqa tali traffiku minn ġo fiha.

Dan ifisser li b'mod inġust ikun qed jintefa' l-piż tat-traffiku ġġenerat minn skola f'lokalità oħra fuq ir-residenti tal-Iklin li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-lokalità tan-Naxxar.

Fid-dawl ta' dan, il-protest ġudizzjarju jinterpella sabiex b'mod immedjat jiġu rimedjati x-xogħlijiet illegali u abbużivi illi saru inkluż iżda mhux limitament it-triq u rampa li ġew kostruwiti ġewwa s-sit tal-MCAST fin-Naxxar u li ġew konnessi ma' Triq Giorgio Locano fl-Iklin tramite l-aċċess temporanju illi nħoloq minn tali sit għall-imsemmija triq. Il-protest jinterpella biex b'mod immedjat jingħalaq l-aċċess tas-sit in kwistjoni għal Triq Giorgio Locano b'mod permanenti. Il-protest jinterpella lill-Awtorità għall-Ippjanar u l-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni sabiex jieħdu dawk il-passi kollha li tipprevedi l-liġi fir-rigward tax-xogħlijiet abbużivi u illegali illi saru mingħajr aktar dewmien.

Is-Sindku Dott Sciberras ikkonkluda li l-Kunsill Lokali rnexxielu jwaqqaf dan l-iżvilupp temporanjament u fejn infurmat ukoll li qed jittella l-ħitan.

10.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva talba għal *shooting ta'* film bit-titlu ZF5 fejn qed juru x-xewqa li jiffilmjaw xi xeni ġewwa villa privata fi Triq in-Namur u xeni oħra fl-imsemmija triq. Sintendi qed jitolbu *no objection* tal-Kunsill u immaniġġjar tat-traffiku biex Triq in-Namur u Triq ir-Razzett l-Aħmar tkun *cleared* mill-vetturi bejn il-21 u l-25 ta' Marzu 2025. Il-Kunsill talab lil din il-produzzjoni tal-films biex jiċċirkolaw ittra ta' kortesija lir-residenti taż-żona biex jinnotifikawhom b'din l-attività.

10.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras irrelata dwar korrispondenza li waslet mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar it-tiġdid tal-membership għas-sena 2025 fl-organizazzjoni European Cities Against Drugs. Il-membership hija ta' Eur125.00

Din l-organizazzjoni hija waħda volontarja li għal dawn l-aħħar snin ħadmet bla heda sabiex tara' li jkun hemm miżuri restrittivi kemm jista' jkun għall-użu ta' sustanzi illeċiti, partikolarment f'etajiet żgħar. Dan isir b'diversi modi fosthom materjal ippubblikat, laqgħat ta' informazzjoni f'pajjiżi diversi, skambju ta' ideat, laqgħat bilaterali, 'webinars' u konferenzi.

Ta' min jinnota l-fatt li ECAD wara diskussjonijiet mal-'World Federation Against Drugs' ffirmat ftehim ta' koperazzjoni u kollaborazzjoni bejn iż-żewġ naħat. Dan ikompli jagħti valur miżjud ix-xogħol li qed twettaq din l-Organizazzjoni fis-sehem tagħha sabiex ikollna aktar bliet ħielsa mid-droga illeċita'.

Il-benefiċċji li lokal ikun membru f'din l-organizazzjoni, apparti l-prestiġju li huwa assoċjat ma' Organizazzjoni Dinjija fit-taqbida kontra d-droga, jinkludu rata sussidjarja fuq parteċipazzjoni f'konferenzi, tqassim ta' materjal edukattiv fuq is-suġġett, kif ukoll 'lectures' u laqgħat li jsiru minn żmien għal żmien fuq l-aġġornament dwar il-ġlieda kontra d-droga u l-użu illeċitu ta' sustanzi oħra, speċjalment fuq livelli ta' tfal u żgħażagħ.

Bħala Kunsill, hemm deċiżjoni unanima li nibqgħu msieħba f'din l-organizazzjoni dinjija għax il-Kunsill jemmen bis-sħiħ li għandu jkollna soċjetà b'saħħitha u teduka bla waqfien kontra l-użu ta' sustanzi illeċiti.

Is-Sindku Dott Sciberras ikkonkluda li l-Kunsill Reġjonali Lvant kien qed iħallas il-*membership* tal-Kunsilli interessati. F'każ li l-Kunsill Reġjonali ma jkunx f'pożizzjoni li jibqa jagħmel dan, il-Kunsill jassorbi din l-ispiża minima.

## 10.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

10.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-12 ta' Frar u l-11 ta' Marzu 2025 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (12 February - 11 March 2025)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 43 | 12/02/2025 | Dawl ta' barra mhux jixgħel fi Triq il-Ħwawar | settled | Triq il-Ħwawar | **ENEMALTA** |
| 44 | 12/02/2025 | Inqalgħet bozza minn ma faċċata ta' residenza li ser taqa' fi Triq Ċ Busuttil c/w Triq G Galea u hemm ħafna dlam. Qed jitlob biex issir waħda fuq arblu temporanju. | pending | Triq Ċensu Busuttil | **COUNCIL** |
| 45 | 14/02/2025 | Hemm ħofra fil bypass Triq Dun Karm | pending | Triq Dun Karm bypass | **IM** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 46 | 14/02/2025 | Dawl fi Triq Għargħur mitfi | pending | Triq Għargħur | **ENEMALTA** |
| 47 | 17/02/2025 | Covers miksurin tal-ilma ta' fuq il-bankina fi Triq in-Naxxar mill-Model Shop sa Gallarija Darmanin | pending | Triq in-Naxxar | **W.S.C.** |
| 48 | 17/02/2025 | Hemm is-set ta' traffic lights ta' quddiem ex-Vodafone fi Triq Dun Karm mhux jeqilbu biex jaqsmu n-nies | pending | Triq Dun Karm bypass | **TM** |
| 49 | 18/02/2025 | Hemm arblu b' (2) bozoz mitfijin fil-by pass ta' Triq Dun Karm | pending | Triq Dun Karm | **ENEMALTA** |
| 50 | 18/02/2025 | Ilment dwar ilma dieħel għandha u sufuni mirdumin tal-bankina 30 Triq Ħwawar | pending | Triq Ħwawar | **W.S.C.** |
| 51 | 19/02/2025 | Fi Triq G Curmi hemm double yellow line ġo parking bays. | settled | Triq Giovanni Curmi | **Contractor** |
| 52 | 19/02/2025 | Fi Triq Pawlu Grech mal-għalqa qed jerġgħu jidhru l-linji sofor u peress li hemm il-parking bays ukoll u r-residenti qed jipparkjaw, qed jaqilgħu iċ-ċitazzjonijiet | settled | Triq Pawlu Grech | **Contractor** |
| 53 | 21/02/2025 | Tabella maqlugħa fi Triq G Locano c/w Triq Timu | settled | Triq G Locano | **COUNCIL** |
| 54 | 21/02/2025 | Tabella biex tersaq għax ma jistax jidħol fil garaxx Triq Klin c/w S Erardi | settled | Triq Klin | **COUNCIL** |
| 55 | 24/02/2025 | Ilment dwar (2) sriedak fi Triq Pawlu Grech | pending | Triq Pawlu Grech | **ANIMAL WELFARE** |
| 56 | 26/02/2025 | Leakage ta' ilma fil-Berġa tal-Iklin | settled | Pjazza Ninu Cremona | **W.S.C.** |
| 57 | 27/02/2025 | Bozza mitfija fi Triq il-Ħarruba L01328 | pending | Triq il-Ħarruba | **ENEMALTA** |
| 58 | 03/03/2025 | Talba għal bozza ġdida fi Triq ir-Razzett L-Aħmar ma' arblu eżistenti fejn tidjieq it-triq | pending | Triq R L-Aħmar | **COUNCIL** |
| 59 | 03/03/2025 | Talba biex isir bozza ġdida f' Wesgha JB Scicluna, quddiem Onyx apt. | pending | Wesgha JB Scicluna | **COUNCIL** |
| 60 | 01/03/2025 | 105 Triq G Abos, ilment fuq drenaġġ u cement quddiemha ( no bowser on 28/2/25) | pending | Triq G Abos | **COUNCIL** |
| 61 | 04/03/2025 | Ilemt minħabba ħmieġ tal-klieb fil-ħaxix ta' quddiemha fejn is-sigar Triq G Bonnici, iġib ħafna nemus fis-sajf | pending | Triq G Bonnici | **COUNCIL** |
| 62 | 06/03/2025 | Talba biex jinbidel arblu tad-dawl fi Sqaq il-Ħwawar | sent email | Sqaq Hwawar | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 63 | 06/03/2025 | Talba biex tiġi rilokata MC bay fi Triq S Erardi | pending | Triq S Erardi | **COUNCIL** |
| 64 | 10/03/2025 | Ġurdien mejjet fuq bankina faċċata ta' 56 Triq G Galea | settled | Triq G Galea | **CLEANSING** |
| 65 | 03/10/2025 | Bozza mitfija mall-ħajt ta' 4 Trejqet il-Poeti | pending | Trejqet Poeti | **CONTRACTOR** |

## 10.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

10.5.1 Ma kienx hemm.

## 10.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

10.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

10.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Mario Fenech.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

10.6.3 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Xiri ta' statwa mingħand il-fornitur Trafalgar Co. Ltd għall-prezz ta' Eur410 VAT inkluż biex tiġi ppreżentata lill-Parroċċa Familja Mqaddsa fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa 2005-2025;
2. Xiri ta' servizzi mingħand il-fornitur Parnis & Associates Ltd għall-prezz ta' Eur1811.30 VAT inkluż għal servizz ta' Health & Safety Supervisor biex jissorvelja x-xogħlijiet tal-proġett fi Triq Anton Buttigieg 'Demolition and reconstruction of retaining wall'.

3. Xiri ta' (400) petunias staġjonali mingħand il-fornitur Silvan Carabott għall-prezz ta' Eur477.90 għat-taħwil ta' xitel f'Wesgħa JB Scicluna.
4. Xiri ta' soft stone 6'X 4' X 2' mingħand il-fornitur Mark Bonello għall-prezz ta' Eur1,652 VAT inkluż għall-proġett tal-istatwa tal-Madonna li tħoll l-għoqiedi tal-ħajja proġettata li ssir f'Wesgħa JB Scicluna.

## 10.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

10.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

10.7.2 Applikazzjoni PA/08157/24 – 10 Shop, Triq Ġeronimo Abos L-Iklin – To change the use of a Class 4B retail shop and a store into a Class 4B beautician and Class 4A clinic and to carry out internal alterations.

10.7.3 Applikazzjoni PA/01337/25 – Triq Ġeronimo Abos c/w Triq Ċensu Bugeja L-Iklin 'Amendments to approved permit PA4707/23 consisting of a proposed maisonette instead of two Class 4B units, change of basement car spaces into lock-up garages and some other minor changes to the façade alignment.

10.7.4 Applikazzjoni PA/01494/25 – Triq ir-Razzett l-Aħmar – To sanction location of gate and minor alteration to tool shed from PA/1365/23.

10.7.5 Applikazzjoni PA/01458/25 – Planitia, Triq Anton Manoel Caruana 'Demolition of existing dwelling. Excavation of basement level. Construction of a new basement level, 9 apartments from ground floor and roof floor, construction of one pool at roof floor.

## 10.8 FESTA FJURI 2025

10.8.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras informa lill-preżenti li d-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy kien ħareġ għal sena oħra skema għall-attivitajiet kulturali annwali 2025/2026 biċ-ċirkolari numru SPI/SCI/02/2025.

Is-Sindku qal li din l-iskema qed tgħin lill-Kunsill biex ta' kull sena tittella l-edizzjoni Festa Fjuri li issa daħlet fil-kalendarju u aktar ma jgħaddi ż-żmien qed issir dejjem aktar popolari mall-komunità tal-Iklin u anke mall-pubbliku nġenerali.

10.8.2 Imbagħad stieden lis-Segretarju Eżekuttiv biex jagħti *briefing* dwar l-applikazzjoni u d-*deadline* tal-applikazzjoni.

10.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-iskema ser tkun qegħda tkopri attivitajiet kulturali li se jsiru matul is-sena 2025/2026 bejn il-Ħadd 1 ta' Ġunju 2025 u l-Ħadd 31 ta' Mejju 2026. Informa li peress li Festa Fjuri tittella f'Mejju, saret talba lid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy biex jikkunsidraw l-applikazzjoni favorevolment bħal ma sar fis-snin preċedenti.

Informa li l-attività proposta tal-Kunsill se tiġi evalwata fuq dawn il-kriterji:

a. Rilevanza tal-attività proposta bbażata fuq l-għan, l-objettivi, u l-eżitu;
b. L-istrateġija u l-immaniġġjar tal-attività;
c. L-istrateġija promozzjonali u l-miri tagħha;

L-applikanti u d-dokumenti rilevanti għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 28 ta' Marzu 2025.

10.8.4 Wara diskussjoni wiesgħa, is-Sindku Dott Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier responsabbli mill-Kultura Mary Grace Gusman biex jikkunsidra u japprova li japplika għal din l-iskema SPI/SCI/02/2025 filwaqt li japprova li l-Kunsill huwa dispost li jiffinanzja l-bilanċ tal-flus.

10.8.5 Il-Kunsill approva *nem con*.

10.8.6 Wara diskussjoni wiesgħa bil-parteċipazzjoni tal-Kunsillieri preżenti, kien deċiż li l-edizzjoni Festa Fjuri tittella nhar is-Sibt 17 ta' Mejju bejn id-0900hrs u 1400hrs fi Triq Ġużè Ellul Mercer / Pjazza Ninu Cremona. *Nem con*.

10.8.7 Is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb jissottometti l-applikazzjoni bl-attività proposta bbażata fuq is-snin preċedenti.

## 10.9 DISKUSSJONI DWAR PETIZZJONI LILL-EU BIEX TEVALWA L-IMPATT TAL-IRWEJJAĦ TOSSIĊI RILAXXATI MINN IMPJANT FL-IKLIN

10.9.1 Is-Sindku Dott Sciberras fetaħ id-diskussjoni dwar l-impatt negattiv li qed tħalli l-industrija lokalizzata fl-Iklin fuq ir-residenti tal-Iklin u dawk tal-lokalitajiet ġirien. Il-konċernament tar-residenti hi primarjament is-saħħa tal-persuna fejn teżisti biża fost ir-residenti li l-irwejjaħ tossiċi huma ta' detriment għas-saħħa tal-persuna minbarra inkonvenjenzi oħra. Fakkar li fl-aħħar seduta, il-Kunsill kien qabel b'mod unanimu fil-prinċipju li l-Kunsill Lokali L-Iklin bħala Gvern lokali kellu jieħu r-riedni f'idejh ta' din il-petizzjoni li għandha tintbagħat lill-Unjoni Ewropeja biex il-Kunsill jara jekk il-liġijiet eżistenti humiex konformi mal-liġijiet Ewropej dwar dan is-settur. Ovvjament kien hemm qbil li l-Kunsill jaqbel mall-kontenut tal-petizzjoni qabel ma' l-Kunsill jipproċedi.

10.9.2 Il-Kunsillier Matthew Fenech esprima r-riservi tiegħu dwar il-kontenut tal-petizzjoni għaliex qal li qed nattribwixxu din il-problema mal-impjant tal-Bitmac meta fil-konfini ta' din il-lokalità hemm diversi setturi li qed jikkawżaw tniġġiż fl-arja, kemm jekk ġej mill-emmissjonijiet tal-vetturi, kemm jekk huma *particulate matter* li ġej mill-industrija tal-bini, u kemm mill-impjanti lokalizzati fl-Iklin u lokalitajiet tal-madwar. Semma li huwa jħoss li l-Kunsill m'għandux ikun speċifiku u l-kontenut jiġi emendat b'mod li ma jkunx qed jipponta lejn xi azjenda partikolari iżda għandha tkun waħda ġenerika. Kompla billi qal li l-azjenda Bitmac qed tforni bil-produzzjoni tagħha lil diversi lokalitajiet inkluż il-lokalità ta' L-Iklin.

10.9.3 B'reazzjoni għall-intervent tal-Kunsillier Matthew Fenech, is-Sindku wieġeb li l-petizzjoni trid tkun waħda speċifika. Ladarba nafu anke mill-laqgħat li l-Kunsill kellu mal-ERA fuq din il-materja, id-diskussjoni dejjem waqgħet fuq l-impjant tal-Bitmac. Żied jgħid li l-Ombudsman li studjat il-każ u kkonkludiet ir-rapport tagħha billi tefgħet l-onus kollu fuq l-Awtorità ERA bħala l-Awtorità kompetenti biex tilleġiżla sabiex dan is-settur jew aħjar din l-industrija tkun *in regola*.

Rigward l-emmissjonijiet rilaxxati mill-vetturi, is-Sindku informa lill-preżenti li kien qiegħed f'kuntatt ma' ażjenda privata li bi ħsiebha tagħmel proġett pilota b'fondi tal-Unjoni Ewropeja fejn jekk jintrebaħ il-proġett b'fondi mill-European Space Agency, isir studju xjentifiku fuq il-lokalità tal-Iklin b'informazzjoni mis-satellita. Proġett ieħor interessanti u ta' benefiċċju għall-ġid komuni tal-komunità.

Lura għas-suġġett dwar il-petizzjoni, is-Sindku għamilha ċara li l-Kunsill Lokali L-Iklin se jkun qed jitlob studju biex jitkejlu l-emmissjonijiet minn dan l-impjant u studju dwar il-kwalità tal-arja fiż-żona residenzjali u sabiex jirrapurtaw jekk dawn l-emmissjonijiet minn dan l-impjant humiex qed jivjolaw EU Environment Regulations, u jekk l-imsemmija emissjonijiet humiex ta' dannu għall-ħaddiema u r-residenti tal-madwar.

B'din il-petizzjoni, se nkunu qed nitolbu sabiex jitħejja rapport dwar jekk il-proċess tal-operat hux konformi mal-International Emission Control Standards u opinjoni dwar jekk il-lok ta' dan l-impjant hux viċin wisq ir-residenzi li jikser xi waħda mill-International Industrial Regulations inkluż dawk promulgati mill-Unjoni Ewropeja.

Permezz ta' din il-petizzjoni, qed nitolbu jekk permezz ta' żiediet/tibdil fl-impjant għal dak eżistenti permezz ta' applikazzjoni għall-permess ta' żvilupp għandux ikun suġġett għal *Environment Impact assessment procedure*.

10.9.4 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa jekk il-Kunsilli ġirien humiex ser ikunu qed jingħaqdu mall-Kunsill f'din il-petizzjoni jew jekk hux ser jibgħatu l-petizzjoni b'mod separat.

10.9.5 Il-Kunsillier Matthew Fenech issuġġerixxa li l-lokalitajiet ġirien permezz tal-Kunsilli Lokali rispettivi għandhom ikunu *on board* anzi ikun aħjar jekk il-petizzjoni ssir fuq livell Reġjonali.

10.9.6 Wara diskussjoni wiesgħa u matura, kien hemm qbil unanimu li jsir tibdil minimu tal-kontenut u fejn titneħħa l-kelma Bitmac u minflok jidħlu l-kelmiet 'Fl-Iklin hemm attivitajiet ta' pproċessar ta' asfalt ftit mijiet ta' metri 'l bogħod mir-residenti.........'

10.9.7 Kien hemm qbil unanimu dwar it-tibdil propost fil-kontenut. *Nem con.*

10.9.8 Kien deċiż li l-kontenut ta' din il-petizzjoni se jkun qed jiġi ċċirkulat lill-Kunsilli ġirien ta' Ħal Għargħur, San Ġwann, Swieqi, in-Naxxar, Ħal Lija, Ħal Balzan u Birkirkara. Kif appena l-Kunsill jottjeni l-approvazzjoni tas-Sindki rispettivi, il-Kunsill ikun jista jipproċedi bil-petizzjoni.

## 10.10 ATTIVITÀ SOĊJALI GĦAL JUM L-OMM U ATTIVITAJIET OĦRA GĦAS-SAJF

10.10.1 Is-Sindku Dott Dorian Sciberras stieden lill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u lill-Kunsillier Mary Grace Gusman biex jagħtu l-ħsibijiet tagħhom dwar l-attività għal Jum l-Omm u attivitajiet oħra prospettati għal dan is-Sajf.

10.10.2 Il-Viċi Sindku li għandha d-dekasteru tal-Anzjanità Attiva ressqet kwotazzjoni għal Buffet Breakfast ġewwa lukanda skedat għal nhar il-Ġimgħa 9 ta' Mejju.

10.10.3 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman li għandha d-dekasteru tal-Mara fis-soċjetà ħarġet b'ideja differenti għall-attività ta' Jum l-Omm fejn issuġġeriet li l-attività ssir filgħaxija bil-ħsieb li jkollha *format* kemmxejn differenti.

10.10.4 Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li ma jara xejn ħażin li nvarjaw l-attivitajiet u ssuġġerixxa li nitkellmu ma' Boutique Tourism fl-Iklin biex nesploraw il-possibiltà ta' attività ġdida organizzata fil-lokalità tal-Iklin.

Wara diskussjoni, kien hemm qbil li l-Viċi Sindku u l-Kunsillier M'Grace Gusman jikkollaboraw flimkien u jiffinalizzaw programm tal-attività għal Jum l-Omm.

10.10.5 Imbagħad il-Viċi Sindku Bartolo ressqet proposta li tikkonsisti f'mawra ġewwa Sqallija skedata għal nhar l-14 ta' Ġunju. Ġie ppreżentat l-itinerarju għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill. *Nem con.*

## 10.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

10.11.1 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman infurmat li bdiet taħdem fuq il-flyer dwar personalitajiet / artisti fl-Iklin u fejn ippreżentat *artwork* bħala prova a sodisfazzjon tal-preżenti.

Is-Sindku Dott Sciberras faħħar din l-inizjattiva u l-impenn tal-Kunsillier Gusman.

10.11.2 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman aġġornat lill-preżenti dwar il-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar il-lokalità tal-Iklin

fejn hemm prospetti tajbin dwar dan il-proġett u l-*feedback* huwa wieħed pożittiv.

Is-Sindku Dott Sciberras irringrazzja lill-Kunsillier Gusman għal darb'oħra fejn offra wkoll l-għajnuna permezz tal-kuntatti li għandu biex jinġieb materjal riċerkat għal din il-pubblikazzjoni.

10.11.3 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis, 3 ta' April 2025 fil-5.30 pm.

10.11.4 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis, 3 ta' April 2025 fil-5.30 pm.

10.11.5 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.45 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv